MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 86/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Victor Hili**
**Joseph Grima**

Kaz Numru: 86/2011

Illum 25 ta’ Settembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Victor Hili**, ta’ sebgha u erbghin (47) sena, bin Rosario u Mikelina neé Xiberras, imwieled Xaghra (Ghawdex), nhar is-06 ta’ Dicembru 1962, residenti fil-fond Il-Mansab, Triq

Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 57362(G) u

**Joseph Grima**, ta’ hamsa u erbghin (45) sena, bin Anglu u Katrina neé Ciantar, imwieled Melbourne (Awstralja), nhar il-05 ta’ Ottubru 1965, residenti fil-fond Leyland, Triq Benazi, Ghajsielem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 368106(L)
li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer f’April 2011, u sentejn ta’ qabel, b’diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fl-inhawi maghrufa bhala tal-Muxi, limiti tal-Qala, Ghawdex, bhala diretturi ta’ Joymar Co. Limited u Road Construction Co. Limited, u fil-kapacita’ taghhom infushom:

1. ghamlu xi zvilupp fuq xi art jew hallew li jsir zvilupp fuq art, minghajr permess ghall-izvilupp kif ikun isehh meta jsir zvilupp, jew jekk l-izvilupp sar b’permess ghall-izvilupp, naqsu milli jharsu jew li jaraw li tigi mharsa xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha l-permess huwa suggett (Artikolu 56(1)(a) Kapitolu 356);

2. dahlu ghal xi attivita’ fil-maniggjar tal-iskart minghajr permess mill-awtorita’ kompetenti u bi ksur ta’ tharis tar-Regolamenti tal-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniggjar tal-Iskart (Artikolu 6 Avviz Legali 337/2001);

3. abbandunaw, waqqghu, tefghu jew xort’ohra mmanigjaw skart mhux skont id-dispozizzjonijiet tar-Regolament tal-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniggjar tal-Iskart (Artikolu 26(a) Avviz Legali 337/2001);

4. qieghdu skart f’post fejn mhux suppost li jigi mmaniggjat l-iskart u li ma hux post li awtorizzat li jircievi tali skart bis-sahha ta’ xi permess (Artikolu 7(3) Avviz Legali 337/2001);

5. minghajr awtorizzazzjoni b’ligi, remghu, tefghu jew iddepozitaw xi zibel f’post pubbliku jew spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih (Artikolu 4 Avviz Legali 344/2005);

6. hattew jew qieghdu f'periklu b'kull mezz li jkun l-istabbilita' jew is-sbuhija ta' hitan tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali u ma hallewx l-ilma tax-xita jghaddi gieri minn gol-binja tal-hitan tas-sejjieh, jew imminaw is-sisien ta' xi hajt tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali (Artikolu 5(2) Avviz Legali 160/1997);

7. bhala pussessuri tal-iskart jew bhala persuni li ndahlu ghall-hidmiet li ghandhom x'jaqsmu ma' dan ix-xoghol u ghalhekk responsabbli ghall-maniggjar tal-iskart, naqsu li jizguraw li dan l-immaniggjar isir skont ir-Regolament tal-2001 dwar il-Permessi u Kontrolli fil-Maniggjar tal-Iskart. (Artikolu 7(1)(2) Avviz Legali 337/2001).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija b'zieda ma' kull piena li tista' tigi mposta skont l-Avviz Legali 344 tal-2005, tordna lill-hatja sabiex inehhu mill-post fejn sar ir-reat, il-materjal kollu li dwaru nstabu hatja fi zmien bizzejjed ghal hekk li jigi stabbilit mill-Qorti u li fin-nuqqas tat-tharis ta' dik l-ordni, dak il-materjal jitnehha mill-Awtorita' ghas-spejjez tal-hatja.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' April 2013 (*a fol.* 111), lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li, minkejja huwa kien nghata zmien sabiex jipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, huwa ghazel li jirrimetti ruhu ghall-provi prodotti f'din il-kawza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputati (*a fol.* 104 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011, xehed **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 12 *et seq.*) u qal li fis-6 ta' April 2011 kienu marru l-Ghassa tar-Rabat l-*Enforcement Officer* Jonathan Attard u l-*Environment Protection Officer* Joseph Cassar tal-MEPA fejn infurmah li kellhom struzzjonijiet biex jaghmlu xi spezzjonijiet rigward xi *dumping* fl-inhawi tal-Muxi, fil-Qala. Jispjega li z-zewg persuni msemmija qalulu li kienu marru f'din l-*area* aktar kmieni dakinhar u li minkejja li ma raw l-ebda *dumping* isir, qalulu li kien hemm *area* kbira affetwata f'liema *area* kien sar *dumping* fl-ahhar tnax-il xahar peress illi kien hemm xi terrapien li kellu haxix fuqu u kien hemm xi terrapien li kien jidher li ghadu frisk. Is-Surgent kkonferma r-rapport tieghu (Dok. "A" – *a fol* 10 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011, xehed ukoll **Jonathan Attard** (*Senior Planning Technician* fl-*enforcement* il-MEPA) (*a fol.* 14 *et seq.*) li qal li rigward l-*area* tal-Muxi fil-Qala, hemm zewg avvizi ta' nfurzar, wiehed minnhom (ECF 574/10) hemm appell minnu wkoll, u hemm applikazzjoni pendenti wkoll biex jigi sanzjonat il-materjal li ntefa' fuq il-post, u iehor (ECF 159/11) li nhareg wara li kienet saret *site inspection* fis-6 ta' April 2011. Jispjega li mill-ispezzjoni li saret nstab li kien intefa xi materjal fuq il-post li kellu bzonn permess. Ix-xhud ezebixxa zewg kopji tal-*enforcement notices* li gew mmarkati bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 17 *et seq.*) u "JA 2" (*a fol.* 19 *et seq.*) li jinkludu s-*site plans* u l-applikazzjoni pendenti.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk is-*site plans* li ezebixxa humiex l-istess sit jew inkella siti differenti, wiegeb li huma zewg siti differenti imma t-tnejn f'tal-Muxi.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011, xehed ukoll **Gordon Grech** (*a fol.* 27 *et seq.*) li jispjega li, fir-rigward tal-*area* tal-Muxi, bhala MEPA, kienu nhargu zewg avvizi ta' nfurzar minhabba tfiegh ta' materjal. Jaghmel riferenza ghal dak li tghid *notice* ECF 574/10. Mistoqsi jghid x'tip ta' art hi, jghid li l-art bejn parti minnha kienet garig u parti minnha kienet art bil-hamrija. Jispjega li ghandu jkollok

permess mill-MEPA biex isir dan it-tip ta' zvilupp u kienet din ir-raguni li nhareg l-avviz ta' infurzar. Jghid li l-avvizi ta' nfurzar nhargu kontra "Joymar Co. Ltd." fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex u kontra "Road Construction Co. Ltd.", Tarmac Plant, Zebbug Road, Victoria, Ghawdex. Ikkonferma Dok. "JA 1" u "JA 2" bhala d-dokumenti li ghamel riferenza ghalihom meta xehed. Jispjega li ECF 159/11 hargu Jonathan Attard.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011, xehed **Joseph Cassar** (*Environment Protection Officer* mal-MEPA) (*a fol.* 31 *et seq.*) li spjega li fis-6 ta' April 2011 kien mar jaghmel spezzjoni fl-*area* tal-Muxi flimkien ma' Jonathan Attard wara li wasal ghandhom rapport li kien ntefa' xi materjal. Jispjega li mill-ispezzjoni li saret irrizulta li kien intefgha speci ta' ramel fis-*site* tal-Muxi u li eventwalment kien inhareg avviz ta' nfurzar minn Jonathan Attard, liema avviz igib in-numru ECF 159/11. Ezebixxa dan l-avviz li gie mmarkat bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 35 *et seq.*). Jixhed ukoll li kien inhareg avviz ta' nfurzar iehor bin-numru ECF 574/10. Jghid li kienet saret spezzjoni minnu u minn Mary Portelli f'April 2010 u f'Lulju 2010. Jixhed li kien hemm materjal iehor, speci ta' ramel, u li hemm anke applikazzjoni biex jigi sanzjonat t-tfiegh tal-materjal.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huwa qatt ma ra lil hadd jitfgha xi materjal fl-*area* in kwistojoni. Mitlub jikkonfermax li l-materjal kien jidher li kien ilu mitfugh tant li diga kien hemm il-haxix fuqu, wiegeb: *"Meta morna ahna le ta. L-ewwel wiehed zgur li ma kienx ilu mitfugh, u t-tieni li ghamilt riferenza ghalih, u anke ta' qabel, tas-sena l-ohra ma kienx ilu li ntefgha hemmhekk. Ma kienx hemm haxix fuqu jigifieri"* (*a fol.* 33). Mistoqsi jghid x'sar minnu l-materjal, jghid li ma jafx. Ezebixxa numru ta' ritratti (Dok. "JC 2" sa "JC 8" – *a fol.* 37 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, xehed **PC 579 Emanuel Zammit** (*a fol.* 46 *et seq.*) li kien xhud tal-istqarrijiet (Dok. "EZ 1" – *a fol.* 48 *et seq.* u Dok. "EZ 2" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxati miz-zewg imputati.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, il-Prosekuzzjoni ezebiet hmistax (15)-il ritratt li gew immarkati bhala Dok. "JM 1" sa "JM 15" (*a fol.* 53).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, xehed **Jean Karl Portelli** (*desk officer* fir-Registru tal-Kumpaniji fi hdan l-MFSA) (*a fol.* 54 *et seq.*) u ezebixxa numru ta' dokumenti, fosthom "Memorandum and Articles of Association" tal-kumpaniji **Joymar Co. Limited** u **Road Construction Co. Ltd.** li gew immarkati bhala Dok. "JP 1" (*a fol.* 57) u Dok. "JP 2" (*a fol.* 58).
Illi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, xehed ukoll l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Josric Mifsud** (*a fol.* 59 *et seq.*) li spjega li lejn Novembru 2010 kienu rcevew rapport minn membri tal-MEPA dwar zvilupp illegali li kien qed jigri gewwa l-Qala fl-*area* maghrufa bhala tal-Muxi. Jispjega li ghall-habta ta' Mejju 2011 baghat ghaz-zewg imputati dwar dan l-izvilupp. Jghid li filwaqt li l-imputat Hili kien stqarr li l-*area* in kwistjoni kienet waqghet f'idejh u li kien ghamel xi xoghol hu personalment, l-imputat Grima kien qal li l-*area* kienet parti minnha proprjeta' li kellha l-kumpanija pero minn xi zmien qabel hu kien nehhieha u ghaddieha l-kumpanija l-ohra li kienet ta' Hili. Jghid li sussegwentement inhargu l-akkuzi dwar zvilupp illegali u li dan sar meta gie verifikat mal-MEPA li fuq din l-*area* ma kien qatt inhareg l-ebda tip ta' awtorizazzjoni biex isir zvilupp f'dik l-inhawi. Ikkonferma li hu ha r-ritratti li gew mmarkati bhala Dok. "JM 1" sa "JM 15" (*a fol.* 53).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed ukoll l-imputat **Joseph Grima** (*a fol.* 63 *et seq.*) li beda billi kkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu (Dok. "EZ 2" - *a fol.* 50 *et seq.*) wara li din inqrat lilu. Jispjega li Road Constroction Limited xtrat il-proprjeta' madwar ghaxar snin ilu. Jispjega li meta nxtrat il-proprjeta, kien hemm il-materjal u ma kienitx tinhadem. Mistoqsi jghid min tefa' l-materjal in kwistjoni, jghid li m'ghandux idea. Jghid ukoll li l-art mixtrija kienet ferm aktar minn ghaxart (10) itmien. Jispjega li fil-bidu meta ntefhet il-barriera giet mitfugha hamrija tal-barriera bil-permess. Jghid li ghas-sena 2010 l-imputat Victor Hili ried ihawwel xi sigar taz-zebbug u li l-materjal li kien hemm twitta biex jigi wita. Jghid li ma

ttiehed l-ebda materjal hemmhekk mit-triq li kienu qeghdin jaghmlu fix-Xlendi peress li dan il-materjal gie mehud ghand Teddy Grima u huh Nenu fil-barrieri taghhom. Giet ezebita ittra ufficjali (Dok. "JG 1" – *a fol.* 67 *et seq.*) li tirrigwarda talba madwar €13,000 ghal radam ta' terrapien.

L-imputat **Joseph Grima** kompla jaghti d-depozizzjoni tieghu fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 92 *et seq.*). Jghid li minkejja li meta xehed qabel qal li ma kienx direttur tal-kumpanija Joymar Company Limited, ikkonferma li huwa effettivament direttur.
Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed ukoll l-imputat **Victor Hili** (*a fol.* 72 *et seq.*) li beda billi kkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu (Dok. "EZ 1" - *a fol.* 48 *et seq.*) wara li din inqrat lilu. Jispjega li mentri l-azzjonisti u d-diretturi tal-kumpanija Road Construction huma hu u l-imputat l-iehor Grima, l-azzjonijiet fil-kumpanija Joymar huma huma t-tnejn pero bhala direttur hemm hu biss. Jispjega kif kienet inxtrat l-art li kienet zdingata u abbandunata. Spjega li saret applikazzjoni biex issir barriera u spjega wkoll x'gara biex giet trasportata xi hamrija u ezebixxa numru ta' dokumenti. Jispjega pero li mindu sar dan kollu, mill-2000, sal-2010 ma sar l-ebda xoghol iehor. Jghid li mbaghad gie deciz li l-art tigi mixtrija mill-Joymar minghand ir-Road Construction.

Jispjega li meta beda jwitti l-hamrija, beda jpoggi l-inferjuri taht u l-hamrija t-tajba fuq. Jghid kellu bzonn juza trakk minhabba d-distanza li kien hemm got-territorju stess. Jichad li kien ittiehed xi materjal mit-triq li taghti ghax-Xlendi u jghid li dan ittiehed fil-barriera ta' Teddy Grima. Jghid li beda jhawwel is-sigar taz-zebbug, u jsemmi madwar 500 sigra. Jghid li qabel ma gie mitkellem mill-Pulizija, ma kien kellmu hadd.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed ukoll **Michael Angelo Camilleri** (*Agricultural foreman*) (a *fol.* 94 *et seq.)* li ezebixxa kopja ta' permess tas-sena 2000 (Dok. "MC 1" – *a fol.* 99). Saritlu riferenza ghal Dok. "VH 4" (*a fol.* 86) u qal li qed jara li l-kwantita' tal-hamrija hija dik ta' tmint'elef

metru kubu. Jispjega x'jigri meta jinhareg il-permess li sarlu riferenza ghalih.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija tieghu (Dok. "EZ 1" – *a fol.* 48 *et seq.*), l-imputat **Victor Hili**, qal li huwa direttur taz-zewg kumpaniji Joymar u Road Construction. Wara li saritlu riferenza ghall-gazzetta tal-31 ta' Ottubru 2010, fejn jidher trukk tar-Road Construction qed ihott xi radam gewwa ghalqa f'tali Muxi, il-Qala, jghid li l-art hija proprjeta' tal-Joymar u li din ghaddiet minn ghand ir-Road Construction ghal habta ta' Marzu 2010. Jispjega li meta l-ghalqa ghaddiet f'idejn Joymar, peress li kien hemm gzuz mhux hazin ta' materjal, beda jwitti l-art u kif ukoll ihawwel xi sigar taz-zebbug. Ikkonferma li kien hu li ghamel ix-xoghol ta' twettieh. Jghid li ma ghamel ebda applikazzjoni mal-MEPA biex jaghmel dan. Jichad li t-trabb u materjal gie mix-xoghol li kien qieghed isir fit-triq li taghti ghax-Xlendi mill-Fontana. Jghid li dak it-trabb u materjal kien hemm. Jghid: *"Dak kien hemm qabel ma ahna nzielna. Meta xtrajna l-art bejn in-95 u n-96, kien hemm min kien tefa xi gzuz ta' materjal, anki hamrija anki wara li konna bdejna noperaw il-barriera. Ahna ma nzilniex hemm qabel in-99. Issa dik il-hamrija fejn gie il-barriera kien fiha xi zerriegha li ma stajniex niehu dik minn fuq dik iz-zona. Mbaghad tfajnieha bejn ta' Muxi u l-barriera. Hemm il-permessi tal-agrikoltura fuq dan ic-caqlieq"*.

Illi, fl-istqarrija tieghu (Dok. "EZ 2" – *a fol.* 50 *et seq.*), l-imputat **Joseph Grima** jghid li huwa wiehed mid-direttur tar-Road Construction Limited flimkien ma' Victor Hili. Wara li saritlu riferenza ghall-gazzetta lokali fejn hemm trukk tar-Road Construction li jidher qed ihott xi radam gewwa ghalqa f'tali Muxi, il-Qala, jghid li jaf zgur li kien hemm xi radam ilu snin gewwa din l-ghalqa u jaf li kien twitta. Jghid li zgur li radam ma dahalx minn barra. Jispjega li madwar tlitt xhur qabel ittiehditlu l-istqarrija bicca mill-proprjeta' ghaddiet ghal fuq il-kumpanija Joymar. Jghid li fejn hemm il-bicca bis-sigar taz-zebbug hija tal-Joymar. Jghid li huwa m'huwiex direttur tal-Joymar. Jichad li r-radam gie mix-xoghol li r-Road

Construction kienet qed taghmel gewwa t-triq li taghti ghax-Xlendi u jghid ukoll li hemm rcevuti kif ukoll *invoices* ta' fejn marru biex jarmu dan ix-xoghol. Jghid li kien jaf li kien qed isir xi xoghol ta' twettieh f'tal-Muxi.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni – Zvilupp minghajr Permess**:
Illi mill-provi prodotti jirrizulta li peress illi kien hemm gzuz mhux hazin ta' materjal, il-materjal li kien hemm twitta biex jigi wita u b'hekk sar twettieh tal-art u jirrizulta wkoll li sar thawwil ta' xi sigar taz-zebbug. Dan sar minghajr permess. B'hekk il-Qorti, wara li kkunsidrat dan u kif ukoll Dok. "JP 1" (*a fol.* 57) u Dok. "JP 2" (*a fol.* 58), m'ghandhiex dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati giet sodisfacentement pruvata. Rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha aktar il-quddiem f'din is-sentenza.

**It-Tieni (2), it-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni – Skart**:
Illi l-imputati jinsabu akkuzati b'diversi imputazzjonijiet relatati mal-immaniggjar tal-iskart.

Illi d-definizzjoni ta' "maniggjar ta' skart" li tinsab fl-Avviz Legali 337 tal-2001 hija s-segwenti:

"kull attivita' li biha jigi mmaniggjat skart inkluzi:
(a) il-hzin, gbir, taqsim, transport, trattament, irkupru u rimi ta' skart, inkluzi attivitajiet ta' tindif pubbliku, sew jekk dawn l-attivitajiet jitwettqu fuq l-art f'Malta jew fl-ibhra territorjali ta' Malta,

(b) kull arrangement ghal senserija u sorveljanza ta' dawk il-hidmiet f'isem terzi,

(c) il-proprjeta', l-maniggjar u t-trattament li jigi wara ta' siti uzati ghall-hzin, trattament, irkupru, tqeghid jew rimi ta' skart, u

(d) kull attivita' ohra li l-awtorita' kompetenti tqis li tikkostitwixxi maniggjar ta' skart".

Illi, ta' min jinnota li Avviz Legali 377 tal-2001 jghid li "skart" huwa:

"b'zieda ma' dak li jinghad fl-Att, tfisser kull haga, sustanza, prodott jew oggett, f'ghamla sew solida sew likwida, ta' xorta sew perikoluza sew xort'ohra, inkluzi dawk elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, li pussessur jwarrab ghar-rimi, jew ikun bi hsiebu jew ikun mehtieg li jwarrab ghar-rimi, jew dak kollu li jitqies li jkun skart mill-Awtorita' kompetenti".

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li fl-atti ta' din il-kawza ma jirrizultax provi bizzejjed in sostenn tal-imputazzjonijiet rigward maniggjar ta' skart. Minkejja li fl-atti processwali jirrizultaw provi rigward il-permess mahrug lill-imputat Grima fl-2000 (Dok. "MC 1" – *a fol.* 99) rigward garr tal-hamrija, liema garr ma jistghax jitqies bhala rimi, il-Qorti ma tistghax ma tinnutax li l-imputazzjonijiet jaghmlu riferenza ghal April 2011 u s-sentejn ta' qabel. Id-difiza tikkontendi li mill-2000 sal-2010 ma sar l-ebda xoghol fl-art in kwistjoni. Ma jirrizultawx provi bil-kuntrarju. Minkejja li d-difiza, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, taghmel riferenza ghall-garr ta' hamrija u materjal iehor li kien ingarr minn Ghajn Kelment, il-Qorti, filwaqt li tinnota li ma tezisti l-ebda prova li dawn ghandhom jitqiesu bhala skart, pero jibqa' l-fatt li dan il-garr ta' hamrija sar tlettax-il sena ilu, li zgur ma jinkwadrax fid-dati ndikati fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati. Apparti dan, it-tezi tal-Prosekuzzjoni hija dik li l-imputati gabu materjal mix-xoghol li kien qed isir fi triq li taghti ghax-Xlendi mill-Fontana. Iz-zewg imputati jichdu dan. Anzi jghidu li l-materjal tax-xoghol ta' din it-triq ittiehed x'imkien iehor. Giet ezebieta ittra ufficjali (Dok. "JG 1" – *a fol.* 67 *et seq.*) fejn is-socjeta' Road Construction Co. Limited giet mitluba thallas is-somma ta' madwar €13,835.25 ghal radam ta' terrapien.

Illi, minkejja li x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jixhdu fuq avviz ta' nfurzar, u minkejja li **Joseph Cassar**

(*Environment Protection Officer* mal-MEPA) (*a fol.* 31 *et seq.*), meta mistoqsi jghid jikkonfermax li l-materjal kien jidher li kien ilu mitfugh tant li diga kien hemm il-haxix fuqu, wiegeb: *"Meta morna ahna le ta. L-ewwel wiehed zgur li ma kienx ilu mitfugh, u t-tieni li ghamilt riferenza ghalih, u anke ta' qabel, tas-sena l-ohra ma kienx ilu li ntefgha hemmhekk. Ma kienx hemm haxix fuqu jigiefiri"* (*a fol.* 33). Il-Qorti tinnota li **PS 676 Edelon Spiteri**, fir-rapport redatt minnu (Dok. "A" – *a fol.* 10 *et seq.*), jghid li meta sar ir-rapport minn Jonathan Attard u Joseph Cassar dawn qalulu li kien jidher li fit-tnax il-xahar ta' qabel kien sar xi *dumping* u li kien hemm xi terrapien li diga kellu xi *growth* ta' haxix fuqu u li kien hemm xi terrapien li kien jidher li ghadu frisk. Meta saret l-ispezzjoni min-nies tal-MEPA, ma rrizulta li kienet qed issir l-ebda attivita. Apparti minn dan, minkejja li fl-atti processwali, b'mod partikolari fl-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati (Dok. "EZ 1" u Dok. "EZ 2" – *a fol.* 48 *et seq.* u *a fol.* 50 *et seq.*) issir riferenza rigward artiklu li deher fil-gazzetta, mhux talli ma gie ezebiet l-ebda artikolu fil-kawza odjerna talli ma ngabux provi rigward l-istess. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma tistghax issib htija fl-imputati ghat-tieni (2), ghat-tielet (3), u ghar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u b'hekk l-imputati ser jigu liberati mill-imsemmija imputazzjonijiet.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni – Zibel</u>**:
Illi l-imputati jinsabu akkuzati b'imputazzjonijiet rigward rimi, tfiegh jew depozitu ta' zibel minghajr awtorizzazzjoni.

Illi, ta' min jinnota li Avviz Legali 344 tal-2005 jghid li "zibel" jinkludi:

"kull skart solidu jew likwidu, domestiku jew kummercjali, hwejjeg mormija, rdum jew laqx u minghajr ma tillimita l-generalità tal-fuq imsemmija tinkludi kull hgieg, metall, plastiku, karta, drapp, injam, ikel, *chewing gum*, cikka ta' sigarett, vettura mitluqa, recipjent, taghmir, jew makkinarju, shih jew f'bicciet, fdalijiet u qtugh tal-gnien, hamrija, ramel, blat tal-konkos jew kull materjal tal-bini iehor; u

kull oggett, materjal jew sustanza ohra ddepozitata f'post pubbliku li tikkawza jew izzid id-dehra mhawwda ta' dak il-post jew li tikkawza effett b'mod li ggib dannu ghall-uzu xieraq tal-post, jew li tista', b'mod generali, izzid ir-riskju ta' periklu ghas-sahha jew ghall-ambjent ghall-pubbliku jew ghall-ambjent ta' madwar, jew li tista' tkun haga li ddejjaq lill-pubbliku".

Illi, tenut kont tad-definizzjoni t'hawn fuq u tenut kont tal-fatt li jirrizulta mill-provi li effettivament thawwlu numru kbir ta' sigar taz-zebbug u li giet mitfugha xi hamrija sabiex jigu mhawla s-sigar in kwistjoni, *stante* li "hamrija" hija nkluza fid-definizzjoni t'hawn t'fuq, m'hemmx dubju li l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu misjuba hatja taghha.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni – Hitan tas-Sejjiegh</u>**:
Illi minn imkien ma jirrizulta li kienu jezistu xi hitan tas-sejjiegh fl-art in kwistjoni. L-ebda xhud prodott mill-Prosekuzzjoni ma ghamel riferenza ghal xi hitan tas-sejjiegh. Minkejja li l-avviz ta' nfurzar (Dok. "JA 2" – *a fol.* 19) jaghmel riferenza ghal rdiem ta' hitan tas-sejjiegh, dan m'huwiex sodisfacenti sabiex tinstab htija fl-imputati ghas-sitt (6) imputazzjoni. Tenut kont ta' dak li nghad, m'hemmx dubju li l-imputati ghandhom jigu liberati mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni – Pussessur ta' Skart</u>**:
Illi Avviz Legali 337 tal-2001 jaghti s-segwenti definizzjoni ta' "pussessur ta' skart":

*"il-prodottur, min jimmaniggja jew kull min ikollu pussess ta' skart"*.

Tenut kont ta' dak li nghad aktar il-fuq rigward it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjonijiet, minn liema imputazzjonijiet l-imputati ser jigu liberati, tenut kont tad-definizzjoni ta' "skart", li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq, u tenut kont tal-fatt li ma jirrizultawx provi fl-atti processwali rigward l-immaniggjar tal-iskart, il-Qorti

m’ghandhiex alternattiva hlief li tillibera lill-imputati mis-seba’ (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li huma biss l-ewwel (1) u l-hames (5) imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-imputati u li gew pruvati, u kif ukoll il-fatt li l-imputati ser jigu misjuba hatja talli sar zvilupp minghajr permess li kien jikkonsisti f’twettieh tal-art u billi sar thawwil ta’ hames mitt sigra taz-zebbug u talli giet depozitata l-hamrija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputati, fuq nuqqas ta’ provi, mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba’ (4), mis-sitt (6) u mis-seba’ (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, wara li rat Regolamenti 4 u 10(1) tal-Avviz Legali 344 tal-2005, Artikolu 56(1)(a) tal-Kapitolu 356 u Artikolu 94(1)(a) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib liz-zewg imputati Victor Hili u Joseph Grima hatja tal-ewwel (1) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom multa komplessiva kull wiehed ta’ ghaxart’elef Euro (€ 10,000).

Il-Qorti tordna lill-hatja sabiex inehhu l-kawzi tar-reat u li jreġġghu lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess fi żmien tliet (3) xhur millum u f’kaz li l-hatja jonqsu milli jħarsu din l-ordni fiż-żmien hekk stabbilit jeħlu multa kull wiehed ta’ sittin Euro (€ 60.00) għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien.

Il-Qorti tordna li t-tnehhija tal-kawzi tar-reat kif imsemmi fil-paragrafu precedenti ghandu jsir taht is-supervizjoni ta’ rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u dana *stante* illi hawn *si tratta* ta’ numru konsiderevoli ta’ sigar taz-zebbug li l-Qorti tissuggerixxi jigu mhawwla f’post iehor ladarba jkun hemm il-permessi kollha necessarji sabiex isir dan.

Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jiehu konjizzjoni ta’ dak ordnat u suggeriet f’din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------